

# DEĊIŻONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/341

tat-28 ta' Frar 2022

### li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK tas-26 ta' April 2010 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tirrevoka l-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' April 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/231/PESK.
- (2) Fit-18 ta' Frar 2022, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 751 (1992) approva li tiżdied persuna /waħda mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) L-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/231/PESK jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/231/PESK huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2022.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J.-Y. LE DRIAN

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 105, 27.4.2010, p. 17.

## ANNEX

Il-persuni elenkati hawn taħt għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/231/PESK:

**I. Persuni**

“21. **Ali Mohamed RAGE (magħruf ukoll bħala: a) Ali Mohammed Rage b) Ali Dheere c) Ali Dhere d) Ali Mohamed Rage Cali Dheer e) Ali Mohamud Rage).**

**Deżinjazzjoni:** Kelliem ta' Al-Shabaab

**Data tat-Twelid:** 1966

**Post tat-twelid:** is-Somalja

**Nazzjonalità:** is-Somalja

**Indirizz:** is-Somalja

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU:** it-18 ta' Frar 2022

**Informazzjoni oħra:**

Elenkat f'konformità mal-paragrafu 43(a) tar-riżoluzzjoni 2093 (2013) billi kien 'Involut f'atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tas-Somalja jew jipprovdi appoġġ għalihom, inkluż atti li jheddu l-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni fis-Somalja, jew jheddu lill-Gvern Federali tas-Somalja jew lill-AMISOM bil-forza.' Bħala kelliem ta' Al-Shabaab, Rage huwa involut fil-promulgazzjoni u l-appoġġ għall-attivitajiet terroristiċi tal-grupp.”

---